I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 847/2009

tal-15 ta' Settembru 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 682/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu qamħ ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROĊEDURA

1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Wara investigazzjoni ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 682/2007 [2] ('ir-Regolament oriġinali'), impona dazji anti-dumping definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċertu qamħ ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreżervat li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet NM ex 2001 90 30 u ex 2005 80 00 u li joriġinaw fit-Tajlandja. Il-miżuri ħadu l-forma ta' dazju *ad valorem*. Ir-Regolament (KE) Nru 954/2008 [3] li jemenda r-Regolament (KE) Nru 682/2007 fir-rigward tar-rata ta' dazju imposta fuq kumpanija waħda u fuq "il-kumpaniji l-oħrajn kollha". Ir-rati ta' dazju għalhekk ivarjaw bejn 3,1 % u 14,3 %. L-importazzjonijiet minn żewġ produtturi esportaturi Tajlandiżi, jiġifieri Malee Sampran Public Co Ltd ("Malee") u Sun Sweet Co Ltd ("Sun Sweet") li minn għandhom kienu ntlaqgħu impenji bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/424/KE [4] u li ssodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 682/2007, ġew eżentati mid-dazju.

2. Ir-raġunijiet għal reviżjoni

(2) Dakinhar tal-impożizzjoni tal-miżuri definittivi, il-Kunsill ippermetta b'mod eċċezzjonali lill-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma setgħux jibagħtu offerta ta' impenn ssostanzjata biżżejjed qabel id-data ta' għeluq stabbilita fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku biex jiffinalizzaw l-offerta tagħhom fi żmien għaxart'ijiem tal-kalendarju mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament oriġinali. Għaxar offerti ta' impenn oħrajn ġew iffinalizzati fi żmien din id-data ta' għeluq. Iż-żewġ offerti ta' impenn milqugħa kif ukoll dawn l-għaxar offerti l-oħrajn jinkludu prezzijiet minimi fissi ta' importazzjoni.

(3) Malli saru magħrufa l-għaxar offerti ulterjuri, l-industrija tal-Komunità opponiet li jiġu milqugħa l-impenji ta' prezz billi qalet li l-prezzijiet ta' importazzjoni minimi fissi ma kinux aktar forma effettiva tal-miżura minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat, kif iddefinit fil-premessa 16, kif ukoll fil-materja prima ewlenija u prodotti sussidjarji.

(4) Sabiex jiġi vvalutat mill-ġdid kemm l-impenji kienu xierqa bħala forma effettiva ta' miżuri anti-dumping, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li jiġu vvalutati mill-ġdid l-aċċettabilità u l-vijabilità tal-impenji offruti u ta' dawk milqugħa.

3. L-investigazzjoni

(5) Wara li ddeċidiet, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm biżżejjed provi biex jingħata bidu għal reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni ħabbret nhar is-16 ta' Settembru 2008, b'avviż ta' bidu ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [5], il-bidu ta' reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

(6) Ir-reviżjoni kienet limitata fl-ambitu tagħha għall-investigazzjoni tal-forma tal-miżura applikabbli għaż-żewġ produtturi esportaturi Tajlandiżi li minn għandhom kienu ntlaqgħu l-impenji u l-għaxar produtturi esportaturi Tajlandiżi b'offerti ta' impenji pendenti.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] ĠU L 159, 20.6.2007, p. 14.
[3] ĠU L 260, 30.9.2008, p. 1
[4] ĠU L 159, 20.6.2007, p. 42.
[5] ĠU C 237, 16.9.2008, p. 18.

(7) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-produtturi esportaturi, lir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni, il-produtturi tal-Komunità u l-għaqda tagħhom kif ukoll lill-importaturi bil-bidu tar-reviżjoni interim parzjali. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż ta' bidu.

(8) Sabiex tikseb it-tagħrif li qieset meħtieġ għall-investigazzjoni, il-Kummissjoni baġħtet kwestjonarju lit-12-il produttur esportatur ikkonċernati kif ukoll lill-produtturi tal-Komunità. Il-produtturi tal-Komunità u sebgħa mit-12-il kumpanija Tajlandiża wieġbu l-kwestjonarju.

(9) Ħames kumpaniji Tajlandiżi b'offerti pendenti ta' impenji ma weġbux affattu dan il-kwestjonarju ta' reviżjoni u tqiesu bħala li ma kkooperawx għall-fini tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. It-tagħrif li ntbagħat minn kumpanija Tajlandiża minnhom ma setax jitqies minħabba li t-tweġiba kunfidenzjali tal-kwestjonarju ma kinitx kompluta. Barra minn hekk, din il-kumpanija ma pprovditx verżjoni mhux konfidenzjali bis-sens tat-tweġiba tal-kwestjonarju. Il-kumpanija ressqet l-argument li minħabba tibdil strutturali sinifikanti fi ħdan il-kumpanija inkluż tibdil fl-isem kien diffiċli għaliha li twieġeb b'mod effiċjenti l-kwestjonarju. Kumpanija Tajlandiża oħra ma riditx tipprovdi verżjoni mhux kunfidenzjali bis-sens tat-tweġiba tal-kwestjonarju. Il-kumpaniji kkonċernati ġew infurmati bl-applikazzjoni proposta tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Din il-kumpanija tal-aħħar stqarriet li kien impossibbli għaliha li tipprovdi tweġiba mhux kunfidenzjali bis-sens tad-data tagħhom li baġħtu minħabba s-segretezza tat-tagħrif li jinsab fiha. Ta' min jinnota li fil-waqt li dan l-argument huwa aċċettabbli għal partijiet mill-kwestjonarju marbuta mal-ispejjeż u l-prezzijiet tal-kumpaniji, dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat għal partijiet oħrajn tal-kwestjonarju bħal statistika operattiva, tagħrif ġenerali eċċ. L-ewwel kumpanija baġħtet tagħrif kunfidenzjali ulterjuri. Iżda, anke jekk jitqies li din l-ewwel kumpanija tista' tkun għaddejja minn fażi ta' ristrutturazzjoni, it-tagħrif bażiku jrid jingħata biex tista' ssir verifika tal-qagħda tal-kumpanija. Minkejja t-tagħrif addizzjonali mibgħut aktar 'il quddiem, dan ir-rekwiżit minimu ma ntlaħaqx, billi ebda dettalji ma ngħataw dwar ċerti elementi ta' spejjeż. Barra minn hekk, ma ġiet ipprovduta ebda verżjoni bis-sens mhux kunfidenzjali tat-tweġiba.

(10) Għalhekk tqies li ebda argument deċiżiv ma ntbagħat biex ireġġa lura d-deċiżjoni li jiġi applikat l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(11) Il-kumpaniji produtturi l-oħra kollha kkooperaw billi wieġbu l-kwestjonarju.

(12) Bosta partijiet interessati oħrajn baġħtu kummenti. Wieħed mill-importaturi stqarr li l-impożizzjoni ta' miżuri ma kinitx iġġustifikata minħabba l-assenza ta' dumping matul il-perijodu oriġinali ta' investigazzjoni "PI oriġinali", kif definit hawn taħt fil-premessa 17 u għalhekk għandha tiġi revokata. F'dan ir-rigward ta' min ifakkar li l-investigazzjoni oriġinali stabbiliet li kien qed iseħħ dumping li jikkawża ħsara. Barra minn hekk, din ir-reviżjoni tikkonċentra fuq kemm l-impenji huma forma effettiva ta' miżuri anti-dumping, u kull stqarrija dwar is-sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali li ma tkunx dwar il-forma tal-miżuri ma tistax titqies. Għalhekk dan l-argument ma setax jiġi aċċettat. Importatur ieħor baġħat talba formali għas-sospensjoni tal-miżuri. Din it-talba qed tiġi vvalutata mhux fl-investigazzjoni tar-reviżjoni preżenti.

(13) Żjarat ta' verifika twettqu fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

(14) (a) Produtturi esportaturi fit-Tajlandja

— Lampang Food Products Co., Ltd., Bangkok,

— Malee Sampran Public Co., Ltd., Bangkok,

— River Kwai International Food Industry Co., Ltd., Bangkok, u

— Sun Sweet Co., Ltd., Chingmai;

(b) Produtturi tal-Komunità:

— Bonduelle Conserve International, Lille-Villeneuve d'Ascq, Franza, u

— Conserve Italia SCA, San Lazzaro di Savena, l-Italja.

(15) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2007 sat-30 ta' Ġunju 2008 (il-"perjodu ta' investigazzjoni għal reviżjoni" jew il-"PIR").

4. **Il-prodott ikkonċernat**

(16) Il-prodott ikkonċernat huwa qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*) bil-qalba, ippreparat jew ippreżervat permezz tal-ħall jew tal-aċidu aċetiku, mhux iffriżat, li fil-preżent jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM ex 2001 90 30, u qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata)* bil-qalba, ippreparat jew ippreżervat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti oħrajn tal-intestatura 2006, li fil-preżent jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 2005 80 00, li joriġinaw mit-Tajlandja.

B. **IS-SEJBIET**

1. **L-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' bejgħ tal-prodott ikkonċernat**

(17) Bħala l-ewwel pass, l-iżviluppi tal-prezz tal-prodott ikkonċernat ġew eżaminati għall-perjodu li jibda bil-PI oriġinali, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005 u li jintemm bil-PIR. Id-data għall-bqija tal-2008 ġiet investigata biex tiġi kkonfermata l-verifika tal-konklużjonijiet.

(18) L-analiżi wriet tendenza ċara 'l fuq ta' prezzijiet ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mit-Tajlandja mill-PI oriġinali lil hawn, b'mod partikolari minn tmiem l-2006. Minkejja tnaqqis fil-prezz matul il-PIR, il-prezzijiet jibqgħu b'mod sinifikanti 'l fuq mil-livell ta' prezzijiet tal-PI oriġinali. Id-data disponibbli għall-2008 turi għal darb'oħra żieda.

Tabella 1

Prezzijiet ta' importazzjoni għal importazzjonijiet mit-Tajlandja lejn l-UE għal kull kwart ta' sena

Indiċi, Kwart 1/2005 = 100	Kwart 1	Kwart 2	Kwart 3	Kwart 4
PI Oriġinali	656	669	723	699
Indiċi	100	102	110	107
2006	719	705	715	747
Indiċi	110	107	109	114
2007	830	798	814	773
Indiċi	127	122	124	118
PIR	814	773	763	740
Indiċi	124	118	116	113
2008	763	740	768	811
Indiċi	116	113	117	124

Sors: Eurostat

(19) L-evoluzzjoni ġenerali tal-prezzijiet medji ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat irrappurtata mill-Eurostat, kif stabbilita fit-Tabella 1, ġiet ikkonfermata mill-analiżi tal-prezzijiet ta' bejgħ vverifikati lill-UE ta' daqs ta' landa rappreżentattiv (12-il uqija) mill-kumpaniji Tajlandiżi. Tabilħaqq, kif jidher fit-Tabella 2, tidher l-istess tendenza bħal dik rapportata mill-Eurostat għal dan id-daqs ta' landa.

(20) Barra minn hekk, analiżi tal-prezzijiet Tajlandiżi għad-daqs ta' landa rappreżentattiv, uriet oxxillazzjoni ta' prezz ikbar mill-PI oriġinali lil hawn. Il-prezzijiet ta' bejgħ varjaw b'aktar minn 30 % fil-perjodu bejn l-ewwel kwart tal-2005 u l-aħħar kwart tal-PIR. Id-data disponibbli għat-tieni nofs tal-2008 tikkonferma din l-evoluzzjoni.

Tabella 2

Prezzijiet ta' bejgħ Tajlandiżi lejn l-UE (Euro/t - daqs tal-landa 12-il uqija - indiċizzati)

Indiċi, Kwart 1/2005 = 100	Kwart 1	Kwart 2	Kwart 3	Kwart 4
PI Oriġinali	100	105	106	115
2006	118	119	118	123
2007	129	133	123	116
PIR	123	116	109	112
2008	109	112	121	122

Sors: L-investiġazzjoni

(21) Fid-dawl tal-varjazzjoni sinifikanti fil-prezz tal-prodott ikkonċernat mill-PI oriġinali lil hawn wieħed bilfors jikkonkludi li l-impenji ta' prezz bi prezzijiet minimi fissi ta' importazzjoni mhumiex xierqa aktar.

2. Indiċizzazzjoni possibbli tal-prezzijiet minimi ta' importazzjoni

(22) Minkejja li l-offerti ta' impenn pendenti u l-offerti ta' impenn aċċettati fihom esklużivament prezzijiet minimi fissi, sar stħarriġ ukoll dwar jekk iż-żewġ impenji fis-seħħ u l-għaxar offerti ta' impenn pendenti setgħux jinżammu b'mod ta' eċċezzjoni, jew rispettivament jiġu aċċettati, permezz ta' indiċizzazzjoni tal-prezzijiet ta' importazzjoni minimi.

(23) Għalhekk kellu jiġi stabbilit jekk hemmx rabta bejn l-evoluzzjoni ta' prezz tal-prezzijiet ta' bejgħ tal-prodott ikkonċernat u l-prezzijiet ta' xiri tal-materja prima/prodotti sussidjarji ewlenin użati fil-proċess ta' produzzjoni u, f'każ li dan huwa minnu, jekk jirrappreżentawx parti sinifikanti tal-ispiża totali ta' produzzjoni u jekk hemmx tagħrif disponibbli għall-pubbliku dwar il-prezz għal dawn il-komponenti.

(24) Iż-żewġ komponenti ewlenin huma l-qamħ ħelu u l-laned, li kull waħda minnhom tirrappreżenta bejn 30 u 40 % tal-ispiża ta' produzzjoni tal-prodott ikkonċernat.

(a) *Indiċizzazzjoni fuq l-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' xiri tal-qamħ ħelu*

(25) Kif jidher fit-Tabella 3, il-prezzijiet ta' xiri medji tal-qamħ ħelu fit-Tajlandja u fl-UE żdiedu b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-PI oriġinali. Il-prezzijiet fi tmiem il-PIR kienu ogħla b'mod sinifikanti milli matul il-PI oriġinali. Id-data disponibbli għat-tieni nofs tal-2008 tikkonferma ż-żieda fil-prezz.

(26) Huwa wkoll evidenti li, għajr fl-UE, il-prezzijiet ta' xiri fit-Tajlandja juru volatilità dejjem tiżdied fi ħdan sena partikolari, l-aktar minn tmiem l-2006 lil hawn. Id-differenza bejn l-iktar prezz baxx u l-ogħla wieħed fit-Tajlandja varjat b'madwar 40 % fil-perjodu bejn il-PI oriġinali u l-PIR. Id-data disponibbli għal tmiem l-2008 turi volatilità saħansitra ogħla.

Tabella 3

Prezzijiet ta' xiri ta' qamħ ħelu għal kull kwart ta' sena f'EURO (indiċizzati)


Indiċi, Kwart 1/2005 = 100		Kwart 1	Kwart 2	Kwart 3	Kwart 4
PI Originali (2005)	It-Tajlandja	100	100	101	117
	EU	100	100	100	100
2006	It-Tajlandja	121	116	118	132
	EU	99	99	99	99
2007	It-Tajlandja	138	124	125	132
	EU	114	114	114	114
PIR	It-Tajlandja	125	132	130	117
	EU	114	114	160	160
2008	It-Tajlandja	130	117	127	161
	EU	160	160	160	160

Sors: L-investiġazzjoni

(27) Minkejja li nstab li kemm il-prezz ta' bejgħ tal-prodott ikkonċernat u l-prezz ta' xiri tal-qamħ ħelu wrew volatilità dejjem tiżdied mill-PI oriġinali lil hawn, ebda korrelazzjoni konsistenti u stabbli ma setgħet tiġi stabbilita bejn iż-żewġ prezzijiet. Għalkemm bejn il-bidu tal-2005 u tmiem l-2006 wieħed jista' jgħid li l-evoluzzjoni tal-prezz tal-qamħ ħelu tidher xi daqsxejn riflessa fl-evoluzzjoni tal-prezz tal-prodott ikkonċernat, mill-2007 lil hawn dan ma jibqax iktar hekk. Tabilhaqq, kif muri fit-Tabella 4, il-prezz ta' xiri tal-qamħ ħelu naqas filwaqt li l-prezz ta' bejgħ tal-prodott ikkonċernat żdied u viċi versa.

Tabella 4

Korrelazzjoni bejn il-prezz ta' bejgħ tal-prodott ikkonċernat u l-prezz ta' xiri tal-qamħ ħelu



(28) Barra minn hekk, l-analiżi wriet li ma hemm ebda omoġenità fl-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-qamħ ħelu mad-dinja kollha. Kif jidher fit-tabella 3 hawn fuq, il-prezzijiet fit-Tajlandja u fil-Komunità evolvew b'mod differenti.

(29) Minħabba nuqqas ta' rabta bejn il-prezz ta' bejgħ tal-prodott ikkonċernat u l-prezz ta' xiri tal-qamħ ħelu u fid-dawl tal-evoluzzjoni diverġenti tal-prezzijiet tal-qamħ ħelu fit-Tajlandja u fil-Komunità, huwa evidenti li indiċizzazzjoni tal-prezz minimu ta' importazzjoni fuq il-prezz tal-qamħ ħelu mhiex vijabbli.

(30) Barra minn hekk, u ta' importanza ugwali - m'hemmx tagħrif disponibbli għall-pubbliku fuq il-prezz tal-qamħ ħelu. Id-data ta' hawn fuq setgħet tinkiseb biss fi ħdan ir-reviżjoni. Indiċizzazzjoni tal-prezz minimu tkun għalhekk impossibbli anke kieku ġiet stabbilita rabta.

(b) *Indiċizzazzjoni fuq l-evoluzzjoni tal-prezz ta' xiri tal-bottijiet*

(31) L-ispiża tal-laned, il-prodott sussidjarju ewlieni, tirrappreżenta parti mill-ispiża totali ta' produzzjoni li mhix sinifikanti biżżejjed biex tippermetti indiċizzazzjoni fuq il-prezzijiet tal-laned biss. Ikun xi jkun il-każ, l-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet tal-laned baqgħu stabbli bejn il-PI oriġinali u l-PIR, jiġifieri ma setgħet tiġi stabbilita ebda rabta ta' ebda xorta mal-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk qed jiġi nnutat li l-prekundizzjonijiet ewlenin għall-indiċizzazzjoni, kif deskritt fil-premessa 23, mhumiex sodisfatti. Għalhekk il-possibilità li jiġu indiċizzati l-prezzijiet ta' importazzjoni minimi mal-evoluzzjoni tal-prezz għal-laned ma tqisitx aktar.

(32) Fid-dawl tal-elementi kollha elenkati hawn fuq, l-investigazzjoni kkonfermat li ma hemm ebda possibilità li jiġu indiċizzati l-prezzijiet minimi ta' importazzjoni biex tiġi indirizzata l-problema tal-prezzijiet oxxillanti tal-prodott ikkonċernat.

3. **Raġunijet individwali biex ma jintlaqgħux offerti ta' impenji pendenti**

(33) Ħamsa mill-għaxar kumpaniji b'offerti ta' impenn pendenti ma weġbux il-kwestjonarju u għalhekk tqiesu bħala li mhux jikkooperaw skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal raġunijiet ta' politika ġenerali, innuqqas ta' kooperazzjoni ma għandhiex tiġi ppremjata u għalhekk l-offerti ta' impenn pendenti ta' dawn il-kumpaniji ma jistgħux jintlaqgħu.

(34) Instab ukoll li kumpanija oħra assorbiet id-dazji anti-dumping, almenu fir-rigward ta' ċerti tranżazzjonijiet. Prassi bħal din taffettwa b'mod negattiv ir-rapport ta' fiduċja li huwa l-bażi biex jiġu aċċettati impenji ta' prezz. L-offerta ta' impenn ta' din il-kumpanija għalhekk mhijiex aċċettabbli.

(35) Kumpanija oħra waqqfet kumpanija marbuta magħha barra mit-Tajlandja li tipproduċi l-prodott ikkonċernat. Il-kumpanija offriet li tinkludi din is-sussidjarja fl-offerta ta' impenn. Iżda, l-eżistenza ta' din is-sussidjarja tikkostitwixxi riskju għoli ta' kumpens reċiproku. L-offerta ta' impenn ta' din il-kumpanija għalhekk ma tistax tintlaqa' wkoll.

(36) Kumpanija oħra temmet il-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat u kriet il-faċilitajiet ta' produzzjoni lil kumpanija ġdida marbuta magħha. L-offerta ta' impenn ta' din il-kumpanija għalhekk ma tistax tintlaqa' wkoll.

4. **Raġunijiet individwali ta' revoka ta' impenn**

(37) Il-verifika fil-bini ta' waħda mill-kumpaniji li fil-preżent għandha impenn uriet għadd ta' każijiet ta' ksur kif jidher fid-dettall fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/708/KE ([1]).

C. **KONKLUŻJONIJIET**

(38) Fuq il-bażi tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq huwa meqjus li l-impenji ta' prezzijiet bi prezzijiet ta' importazzjoni minimi fissi mhumiex aktar xierqa biex ipattu għall-effett ta' ħsara tad-dumping u li mhemmx ebda possibilità ta' indiċizzazzjoni tal-prezzijiet minimi ta' importazzjoni biex tiġi indirizzata l-problema. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-offerti ta' impenn ma għandhomx jintlaqgħu u l-impenji milqugħa għandhom jiġu revokati.

(39) Barra minn hekk, tmien offerti mill-għaxra pendenti ma għandhomx jintlaqgħu minħabba r-raġunijiet individwali deskritti hawn fuq.

(40) Barra minn dan, wieħed miż-żewġ impenji preżenti ta' prezz ukoll għandu jiġi revokat minħabba nuqqas ta' konformità mal-impenn.

(41) Għalhekk ġie konkluż li l-investigazzjoni ta' reviżjoni limitata għall-forma tal-miżura għandha tiġi fi tmiem, li l-offerti ta' impenn ikkonċernati ma għandhomx jintlaqgħu u li l-impenji attwali għandhom jiġu revokati.

(42) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ittieħdet id-deċiżjoni li ma jintlaqgħux l-offerti ta' impenji pendenti u jiġu revokati l-impenji attwali, u ngħataw l-opportunità li jikkumentaw.

(43) Xi partijiet ressqu l-argument li ma jistax jiġi revokat impenn jekk il-klawżoli kollha tal-impenn ikunu ġew rispettati. Minflok, huma jsostnu, il-kumpanija għandha tingħata l-opportunità li tirrevedi l-prezzijiet minimi tagħha ta' importazzjoni skont l-evoluzzjoni tas-suq.

(44) Bi tweġiba għal dan l-argument wieħed irid jenfasizza li l-ewwel nett l-impenji attwali jridu jiġu revokati, bl-istess mod li l-offerti ta' impenn pendenti jridu jiġu miċħuda, għal raġunijiet ġenerali ta' prattikabilità. Kif deskritt hawn fuq, ir-reviżjoni wriet li l-qamħ ħelu mhux aktar xieraq għal impenn ta' prezz, irrispettivament jekk il-kumpaniji individwali kinux konformi jew le mad-dispożizzjonijiet tal-impenn jew humiex lesti jew le li jirrevedu l-prezzijiet ta' importazzjoni minimi. Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-volatilità tal-prezzijiet stabbilita matul ir-reviżjoni, reviżjoni tal-prezzijiet ta' importazzjoni minimi tkun fattibbli biss bid-dħul ta' formula ta' indiċizzazzjoni. Madanakollu, ir-reviżjoni wriet li ma hemmx bażi għal dan.

(45) Kumpanija minnhom ikkontestat li l-prezzijiet tagħha ta' xiri ta' qamħ ħelu u l-prezzijiet ta' bejgħ tal-prodott ikkonċernat urew volatilità dejjem tiżdied u tendenza 'l fuq bejn il-PI oriġinali u l-PIR u stqarret li ż-żieda fil-prezzijiet ta' bejgħ tagħha tal-prodott ikkonċernat kienet ġejja biss mill-prezz minimu ta' importazzjoni'. Għalhekk inġieb l-argument li ma kienx hemm raġunijiet biex tiġi revokata l-aċċettazzjoni tal-impenn tagħhom ta' prezz.

(46) Iżda, id-data pprovduta mill-kumpanija ma kkonfermatx din l-istqarrija. Il-prezzijiet ta' xiri tal-qamħ ħelu ma wrewx tendenza lejn żieda minkejja li kienu ftit taħt il-medja. Min-naħa l-oħra, il-prezzijiet ta' bejgħ tagħhom tal-prodott ikkonċernat matul il-PIR kienu b'mod sinifikanti ogħla mill-prezz ta' importazzjoni minimu rilevanti u wrew tendenza lejn żieda fit-tieni nofs tal-2008.

(47) Xi partijiet komplew bl-argument li ċ-ċaħda tal-offerti pendenti ta' impenn ta' prezz u r-revoka tal-impenji attwali ta' impenn ta' prezz ma humiex konformi mal-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar l-Antidumping tad-WTO li jobbliga lill-membri tad-WTO jagħtu attenzjoni għas-sitwazzjoni speċjali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Bi tweġiba għal din is-sottomissjoni ta' min jenfasizza li l-Kummissjoni qieset b'mod attiv, b'mohħ miftuħ, l-azzjonijiet kollha possibbli, inkluż l-indiċizzazzjoni tal-prezzijiet ta' importazzjoni minimi fissi, biex ssolvi l-problemi ta' prattikabilità tal-impenji. Għalhekk, il-possibilitajiet ta' rimedji kostruttivi ġew mistħarrġa f'dan il-każ. Iżda, is-sejbiet tal-investigazzjoni kif stabbiliti fil-premessi 22 sa 32 ma ppermettew ebda soluzzjoni f'dan ir-rigward.

([1]) Ara il-paġna 29 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(48) Xi partijiet talbu sospensjoni formali tal-miżuri bħala riżultat tas-sejbiet tar-reviżjoni. Kif diġà deskritt fil-premessa (12), din it-talba qed tiġi mistħarrġa barra mill-investigazzjoni ta' reviżjoni attwali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 682/2007 għandu jitħassar.

2. L-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 682/2007 għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala l-Artikolu 1(3).

3. L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 682/2007 għandu jitħassar.

4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 682/2007 għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala l-Artikoli 2 u 3 rispettivament.

5. L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 682/2007 għandu jitħassar.

Artikolu 2

Ir-reviżjoni parzjali interim tar-Regolament (KE) Nru 682/2007 hija b'dan qiegħda terminata mingħajr aċċettazzjoni tal-offerti ta' impenn.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
C. BILDT